MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2012

Numru 498/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Cassar)**

**vs.**

**Ramon Mifsud Grech**
**Jean Paul Vella**
**Brian Tonna**
**Jonathan Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imsemmija:

**Ramon Mifsud Grech**, ta' wiehed u erbghin (41) sena, iben Joseph u Agnese k/a Ines neé Debono, imwieled il-Furjana fil-21 ta' April 1971 u joqghod fl-indirizz `Dolce Dio`, Triq Jannara, B' Kara jew `Blue Rose`, Penthouse 7, Ganu Street, B' Kara u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 238271M,

**Jean Paul Vella**, ta' erbgha u ghoxrin (24) sena, iben Paul u Anna neé Gialanzé, imwieled Tal-Pieta' fl-14 ta' Jannar 1988 u joqghod fl-indirizz numru 23, \`Annpaul House\`, Triq Ta' Giorni, San Giljan. u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 50988(M),

**Brian Tonna**, ta' wiehed u tletin (31) sena, iben Joseph u Carmen neé Attard, imwieled Tal-Pieta' fit-2 ta' Marzu 1981 u joqghod fl-indirizz numru 42, Triq Brighella, l-Hamrun, u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 129881(M),

**Jonathan Micallef**, ta' disgha u ghoxrin (29) sena, iben Saviour u Gemma neé Mifsud, imwieled Tal-Pieta' fis-16 ta' Awissu 1982 u joqghod fl-indirizz \`Sidtna Marija\`, Triq Gorg Borg, Tal-Qattus, B'Kara, u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 441282(M)

Akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 t'Ottubru 2009 ghall-habta ta' xi t-tlieta u nofs ta' fil-ghodu:

1. bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Jean-Olivier Mesrine ta' nazzjonalita' Franciza, kontra l-volonta' tieghu.

2. U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix €1,164.69 (ekwivalenti ghal hames mitt lira Maltin) izda huwa izjed minn € 116.47 (ekwivalenti ghal hamsin lira Maltin) – (u cioe' € 250 ekwivalenti ghal Lm107.33).

**Lil Ramon Mifsud, Jean Paul Vella u Brian Tonna biss**

3. U fl-ahharnett ukoll gew akkuzati talli bhala ufficjali pubblici (membri tal-Korp tal-Pulizija) ghamlu reat meta

kellhom jissorveljaw sabiex dan ma jsirx jew li minhabba l-kariga taghhom kellhom id-dmir li jimpedixxu.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-diversi dokumenti esebiti.
Rat illi fis-seduta tat-23 ta’ Lulju 2012 giet sollevata mill-imputati kollha l-eccezzjoni ta’ *ne bis in idem*.
Semghet it-trattazzjoni tad-difiza u tal-Prosekuzzjoni rigward l-eccezzjoni sollevata.
**Ikkunsidrat**
Illi d-difiza qieghda tissolleva l-eccezzjoni ta’ *ne bis in idem* u jaghmlu riferenza ghad-decizjoni moghtija fit-23 t’April 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali[1].

Illi fil-kawza deciza fit-23 t’April 2012, l-imputati gew akkuzati bis-segwenti:
talli f’ San Giljan, fil-25 ta’ Ottubru, 2009 ghall-habta ta’ xi l-hdax ta’ fil-ghaxija:

1. Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta’ Jean-Olivier Mesrine ta’ nazzjonalita’ Franciza f’periklu car, hebbew ghalih u kkagunawlu hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu u cioé diversi feriti ta’ natura hafifa skond ma ccertifika Dr. Glen Micallef MD (Reg no 8230) mill- Isptar Mater Dei.

2. U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lill-imsemmi Jean-Olivier Mesrine kontra l-volonta’ tieghu.

3. U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix €1,164.69 (ekwivalenti ghal hames mitt lira Maltin) izda huwa izjed minn €116.47 (ekwivalenti ghal hamsin lira Maltin) u cioe’ €250 (ekwivalenti ghal Lm107.33).

[1] *A fol.* 22 *et seq.*

Illi l-imputati Ramon Mifsud, Jean Paul Vella u Brian Tonna gew akkuzati wkoll li:

4. U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, bhala ufficjali pubblici, dolozament bi ksur tad-dmirijiet taghhom, ghamlu jew naqsu li jaghmlu xi att b' taghkis jew bi hsara ta' haddiehor

5. U fl-ahharnett ukoll gew akkuzati talli bhala ufficjali pubblici (membri tal-Korp tal-Pulizija) ghamlu reat meta kellhom jissorveljaw sabiex dan ma jsirx jew li minhabba l-kariga taghhom kellhom id-dmir li jimpedixxu.

Illi minn qari tal-imputazzjonijiet tal-kawza odjerna[2] u minn qari tal-imputazzjonijiet tal-kawza deciza fit-23 t'April 2012[3] jirrizulta li ghajr ghal bdil fl-eta' tal-imputati, kif ukoll ghal bdil fil-hin tal-allegat incident u ghajr ghall-fatt li mentri l-imputazzjonijiet tal-kawza odjerna huma tlieta mentri l-imputazzjonijiet tal-kawza deciza f'April 2012 kienu hamsa, mill-bqija l-imputazzjonijiet fiz-zewg kawzi huma identici.

**Ikkunsidrat**

Illi fid-decizjoni moghtija fit-23 t'April 2012, il-Qorti qalet hekk:

"Illi mill-atti jirrizulta ampjament li l-incident li dwaru tressqu l-provi kollha sehh nhar il-25 ta' Ottubru 2009 ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' fil-ghodu. Pero l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati kollha jirreferu ghall-incident li sehh nhar il-25 ta' Ottubru 2009 "**ghall-habta ta' xi l-hdax ta' fil-ghaxija**.[4]

[...]

Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kaz in ezami huwa car li l-imputati odjerni ma jistghux jinstabu hatja ta' l-imputazzjonijiet lilhom addebitati ghaliex dawn jirreferu ghal fatti li suppost sehhew fid-29 ta' Ottubru 2009 fil-hdax ta' fil-ghaxija meta il-provi li ngiebu quddiem din il-Qorti

---

[2] *A fol.* 1-2.
[3] *A fol.* 22-23, 28-29.
[4] *A fol.* 24.

jirreferu ghal-fatti li sehhew fid-29 ta’ Ottubru 2009 fit-tlieta u nofs ta’ fil-ghodu.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputati hatja ta’ l-imputazzjonijiet kif dedotti u tilliberahom minnhom”.[5]

Illi, fil-kawza odjerna, id-difiza, in sostenn tal-eccezzjoni sollevata minnha, targumenta, fost l-ohrajn, li l-imputazzjonijiet li trattat id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-23 t’April 2012 huma l-istess imputazzjonijiet tal-kawza odjerna. Id-difiza targumenta wkoll li persuna li giet akkuzata b’akkuzi ma tistghax terga’ tigi akkuzata bl-istess akkuzi ghal darb’ohra. Argument iehor tad-difiza huwa dak li l-Prosekuzzjoni messha, fil-kawza deciza fit-23 t’April 2012, talbet korrezzjoni qabel inghatat dik is-sentenza.

Illi, da parti taghha, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kienx hemm kontestazzjoni fuq il-fatti tal-kaz kif gew spjegati mid-difiza fit-trattazjoni taghha ghajr ghall-punt wiehed biss. Il-Prosekuzzjoni targumenta li l-kawza odjerna titratta incident kompletament differenti minn dak deciz fit-23 t’April 2012 u dana ghas-semplici raguni li l-hin indikat fil-kawza odjerna u l-hin indikat fil-kawza deciza f’April 2012 huma differenti.

**Ikkunsidrat**

Illi l-principju tan-*ne bis in idem* jinsab imhaddan mhux biss fid-dritt penali taghna u cioé fil-Kodici Kriminali izda ukoll fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Hemm distinzjoni netta bejn dana il-principju kif inhu imhaddan fil-Kodici Kriminali u dak imhares mill-Kostituzzjoni taghna, kif ukoll distinzjoni ma’ dak dikjarat fir-raba’ artikolu tas-Seba Protokol tal-Konvenzjoni. Mentri Artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jirreferi ghall-*“istess fatt”*, Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jirreferi ghall-*“[istess] reat”*.

Illi Artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid hekk:

[5] *A fol.* 25.

"Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra".

Illi, b'hekk jirrizulta li l-Kodici Kriminali jippostula zewg elementi importanti: fl-ewwel lok, irid ikun hemm sentenza fejn l-imputat jigi liberat mill-akkuzi u, fit-tieni lok, illi l-istess persuna ma tigix sottoposta ghal proceduri godda dwar l-istess *"fatt"* (u mhux l-istess *"reat"*). A rigward il-kriterji rikjesti mill-Artikolu 527, jirrizulta illi l-imputati tal-kawza odjerna huma l-istess imputati tas-sentenza tat-23 ta' April 2012. Diga gie sottolineat aktar qabel fejn tinsab id-differenza bejn iz-zewg kawzi. Jirrizulta li l-imputazzjonijiet originali, ghajr ghal tnejn (li thallew barra), gew trasportati fil-kawza odjerna u d-differenza bejn l-akkuza li ghaddiet in gudikat u dik odjerna hija li f'din tal-ahhar il-hin huwa *"fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 t'Ottubru 2009 ghall-habta ta' xi t-tlieta u nofs ta' fil-ghodu"* mentri fil-kaz deciz f'April 2012, l-akkuza kienet: *"fil-25 ta' Ottubru 2009 ghall-habta ta' xi l-hdax ta' fil-ghaxija*". Ghalhekk dak li din il-Qorti trid tiddeciedi dwaru huwa jekk dawn iz-zewg akkuzi jammontawx ghall-istess *"fatt"* skond id-dispost tal-Artikolu 527 tal-Kapitolu 9.

Illi fin-noti tieghu, il-Profs Mamo jghid hekk:
"But it must be strongly emphasised that for the plea to succeed the fresh proceedings must be based on the very same fact. (Cr. App. "Pol. vs. Piscopo" 21/3/1953)".[6]

Illi l-Profs Mamo jghid ukoll is-segwenti:

"What is particularly essential is to have a notion of what the law means by the <u>same fact</u>. In "**Rex vs. Agata Mifsud et**" (15/5/1918) Law Reports, Vol. XXIII, p. 1, p. 1077, H.M.'s Criminal Court said: *"Per giudicare se si tratti di fatti identici u diversi, bisogna esaminare se il corpo del delitto rimanga lo stesso, pur cambiandosene la qualificazione, o in altri termini, se la materialita' del fatto rimane inalterata malgrado la diversa qualificazione legale che gli venga attribuita"*. In other words, if the <u>fact</u> on

[6] "Notes on Criminal Procedure", *a fol.* 45.

which the subsequent charge is made is the same as that in respect of which the previous judgment was given, the plea lies notwithstanding that the subsequent charge is an offence different from that charge in the previous trial".[7]

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Vella et**[8]**,** il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

"Bl-espressjoni l-istess att wiehed ghandu jifhem il-fatt fizikament rigwardat konsistenti ghalhekk kemm fl-element materjali – att ta' kommissjoni jew ommissjoni – kif ukoll dak formali tieghu. Mhux bizzejjed li l-fatt ikun jirrigwarda l-istess oggett: Hekk per ezempju min f'okkazzjoni partikolari jaghmel hsara volontarja fuq proprjeta ta' haddiehor u f'okkazzjoni ohra jerga' jaghmel l-istess tip ta' hsara fuq l-istess proprjeta' ma jista' bl-ebda mod jecepixxi r-res judicata."

Illi ta' min jinnota li fil-kaz **Il-Pulizija vs. Joseph Cini**, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju 1996, il-Qorti trattat l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* f'reat li sehh ftit hin qabel reat iehor li kien ghadda in gudikat. Kif irriteniet dik il-Qorti:
"l-imputazzjonijiet f'dik is-sentenza l-ohra jirreferu ghal incident li gara qabel, ghalkemm fl-istess gurnata, u fl-istess *lock up*, cioé ghall-incident li sehh xi siegha u nofs (1.30pm) ta' wara nofs inhar".

Dik il-Qorti ghalhekk iddecidiet li l-fatti ma kienux l-istess.
**Ikkunsidrat**
Illi f'kaz simili hafna ghal dak odjern, cioé il-kaz **Il-Pulizija vs. Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin**, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali laqghet l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* in segwitu ta' bidla fil-hin ta' meta allegatament sehhew l-imputazzjonijiet kontra l-imputat. In segwitu ta' din id-decizjoni, il-Qorti

[7] "Notes on Criminal Procedure", *a fol.* 43-44.
[8] Deciza fid-19 ta' Frar 1999.

tal-Appell Kriminali, fis-sentenza taghha tas-17 ta' Marzu 2008 qalet hekk:
"it-test biex wiehed jistabilixxi jekk hix applikabbli l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem,* huwa dak citat mill-istess appellat fil-kawza **Sua Maesta' il-Re versus Agata Mifsud e Carmelo Galea** [15.6.1918] u cioé fejn intqal li :

*"un criterio pratico non meno che ragionale per determinare se ad un dato caso si applichi la regola "non bis in idem" é quello appunto affermato dalla giurisprudenza ed accolto dalla dottrina giuridica in Inghilterra .* ***"The true test by which the question whether such a plea (i.e. Autrefoit acquit) is a sufficient bar in any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second indictment would have been sufficient to prove a legal conviction upon the first".***

Illi, in segwitu ta' dan ir-ragunament, il-Qorti tal-Appell Kriminali ddecidiet li l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* ma kienitx applikabbli u b'hekk is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati giet revokata. Minkejja dan, l-imputat f'dik il-kawza ressaq l-ilment tieghu quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fejn il-Qorti iddecidiet illi kien hemm lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu meta gie sottopost ghall-proceduri godda dwar l-istess reati li dwarhom kien gie precedentement akkuzat u illiberat mill-qorti. Illi din is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin**, deciza fis-26 ta' Marzu 2009, il-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) ghamlet analizi tajba tal-principju kif jinsab imhaddan fil-ligi taghna kemm penali kif ukoll kostituzzjonali. F'din is-sentenza, il-Qorti qalet is-segwenti:
"Illi huwa wkoll stabilit[9] li l-principju tan-*ne bis in idem* imhares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun ghaddiet minn process dwar reat, m'ghandha qatt terga' tghaddi minn process iehor dwar

[9] Kost. 4.8.1999 fil-kawża fl-ismijiet **Fenech vs. Avukat Generali** (Kollez. Vol: LXXXIII.i.213).

tali reat jew dwar reati ohra li setghet tinstab hatja dwarhom fl-ewwel process.
[...]
Illi [...] dana is-subartikolu fil-Kostituzzjoni jaghti harsien usa lill-persuna mixlija minn dak moghti mill-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali, sewwa sew ghaliex jgholli l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* ghall-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali ghandha l-jedd tirrikorri ghall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali.
[...]
Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* fil-qasam tad-dritt penali taht l-ordinament guridiku taghna, wiehed iqies li jehtieg jintwera li l-persuna li tkun tqieghdet taht akkuza ohra trid tkun l-istess wahda li kienet tqieghdet taht l-ewwel procedura u wkoll li tkun hekk tressqet dwar l-istess fatt.
[...]
Illi fil-qasam tad-dritt penali jidher li huwa principju accettat li, bi thaddim tar-regola *ne bis in idem*: "*The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act*[10].

Illi din il-Qorti tifhem li jekk kemm-il darba t-tifsira moghtija lill-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali hija b'mod tali li izzomm milli persuna terga' titressaq mixlija dwar fatt li dwaru kienet diga' tressqet taht procedura li ntemmet b'sentenza li saret gudikat, wiehed jistenna li t-thaddim tar-regola migjuba fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ghandu jkun jghodd izjed biex ihares dak il-jedd. Fi kliem iehor, il-garanziji kostituzzjonali ma jistghux ikunu applikati b'xehha jew b'anqas qawwa meta mqabblin mal-garanziji li taghti l-ligi ordinarja kif tinsab fil-Kodici Kriminali".

[10] App. Krim. Inf. 15.11.1941 fil-kawża fl-ismijiet **Giuseppe Baldacchino vs Giuseppe Buhagiar** (kif imsemmija fil-ktieb "Recent Criminal Cases Annotated" tal-Prof. W. Harding).

Illi jkun ghaqli li ssir riferenza ghal dak li qalet il-Qorti fis-sentenza t'hawn fuq, meta din ghamlet riferenza diretta ghal dak li kellha quddiemha. Il-Qorti qalet:
"Illi meta wieħed iqabbel l-akkużi mressqin kontra l-imputat fl-ewwel proeedura ma' dawk li qegħdin jitressqu issa fit-tieni procedura, wieħed għandu jsib li l-akkużi kollha f'din it-tieni procedura kienu msemmija, kelma b'kelma, fl-ewwel akkuża (liema Taħrika kellha tliet imputazzjonijiet oħra li ma jiffigurawx fit-tieni procedura). Id-dispożizzjonijiet tal-ligi msemmija fiż-żewg Taħrikiet huma l-istess fejn jirrigwarda l-akkużi komuni. Il-fatt li għalih jirreferu ż-żewg Taħrikiet huwa l-istess.[11]

Illi din il-Qorti tislet il-fehma li l-imputat għandu ragun iħoss li, bit-tieni procediment li qiegħed jgħaddi minnu, qed iseħħ ksur tal-jedd fundamentali tiegħu taħt l-imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni. Meta wieħed iqabbel l-akkużi li kellu fl-ewwel proeediment ma' dawk li tressqu kontrih fil-procediment attwali, wieħed isib li c-cirkostanza ewlenija li tagħżel bejn tal-ewwel u tat-tieni hija l-ħin li fih allegatament seħħ il-każ. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-elementi kostitutivi (l-"elementi essenzjali"), jigifieri kemm dak materjali (l-"*actus*") u kemm dak formali (il-"*mens*") tar-reati ipotiżżati fiż-żewg akkużi kontra r-rikorrent, jixxiebhu f'kollox. Il-ħin m'huwiex element kostitutiv tagħhom, u l-istess reati – jekk ippruvati kif imiss – jitqiesu bl-istess mod indipendentement mill-ħin li fih twettqu[12]. Lanqas ma jidher li huwa l-każ li l-ħin jikkostitwixxi xi element aggravanti ta' dawk ir-reati, iżda huwa biss cirkostanza oħra li trid tirriżulta kif imiss biex torbot lill-persuna akkużata mal-fatt tal-grajja nnifisha.

Illi l-Avukat Generali jisħaq li d-differenza fil-ħin bejn dak imsemmi fl-ewwel akkuża (li minnha r-rikorrenti nħeles) u dak imsemmi fit-tieni akkuża (li dwarha tressqet din ir-Riferenza) jagħmel non-"*idem*" għaliex jgħid li l-ħin tant kien element krucjali, li minħabba n-nuqqas ta' indikazzjoni tajba tiegħu r-rikorrent inħeles mill-akkuzi

[11] Tant li, fiz-zewg procedimenti, ix-xhud tal-Prosekuzzjoni sejjes ix-xhieda tieghu fuq l-istess Rapport tal-incident.
[12] Ara, f'dan ir-rigward, QEDB 26.7.2007 fil-każ **Schutte vs Awstrija** (Applik. Nru. 18015/03) §§ 41 – 2.

migjuba kontrih. Din il-Qorti ma tistax tilqa' dan l-argument, l-iżjed meta tkejlu mal-kriterji gurisprudenzjali msemmija aktar 'il fuq dwar x'jikkostitwixxi l-identita' tal-akkuża għall-finijiet tar-regola hawn mistħarrga.

Illi għall-finijiet tal-istħarrig ta' xejra kostituzzjonali li din il-Qorti ntalbet tagħmel, lanqas ma jidher li huwa rilevanti jekk ir-ragunament li wassal lill-Qorti tal-Magistrati biex teħles lill-imputat mill-akkużi fl-ewwel procediment kienx ragunament tajjeb jew jekk din il-Qorti taqbilx miegħu. Din il-Qorti lanqas tidħol fil-kwestjoni jekk messhiex intalbet waqt dawk il-procedimenti xi korrezzjoni dwar il-ħin li fih seħħ l-incident. Dak li jikkoncerna lil din il-Qorti hu jekk fil-fatt jeżistix il-gudikat li jżomm milli persuna terga' tgħaddi minn process ieħor dwar l-istess fatti li jkunu l-bażi ta' dak il-gudikat[13]. F'dan il-każ, il-prova tas-sentenza li għaddiet f'gudikat saret u toħrog mill-atti tar-Riferenza nnifishom.

Illi fuq dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-proceduri pendenti kontra l-imputat quddiem il-Qorti tal-Magistrati qiegħdin jiksru d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni".

**Ikkunsidrat**

Illi jkun opportun li ssir riferenza wkoll ghad-decizjoni fl-ismijiet **Sergey Zolotukhin vs Russja**[14] moghtija mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Qorti qalet li hija:
"takes the view that Article 4 of Protocol No. 7 must be understood as prohibiting the prosecution or trial of a second 'offence' in so far as it arises from identical facts or facts which are substantially the same. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of *res judicata*. At this juncture, the available material will necessarily comprise the decision by which the first 'penal

[13] Ara App. Krim. Inf. 24.2.1947 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Spiru Quintano** (Kollez. Vol: XXXIII.iv.591).
[14] Deciza fl-10 ta' Frar 2009 – Applikazzjoni Numru 14939/03.

procedure' was concluded and the list of charges levelled against the applicant in the new proceedings. Normally, these documents would contain a statement of facts concerning both the offence for which the applicant has already been tried and the offence for which he or she stands accused. In the Court's view, such statements of fact are an important starting point for its determination of the issue whether the facts in both proceedings were identical or substantially the same. The Court emphasises that it is irrelevant which parts of the new charges are eventually upheld or dismissed in the subsequent proceedings, because Article 4 of Protocol No. 7 contains a safeguard against being tried or being liable to be tried again in new proceedings rather than a prohibition on a second conviction or acquittal. The Court's inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings".

Illi, fir-rigward ta'dak li ghadu kemm gie kwotat hawn fuq, il-Qorti fil-kawza **Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin**, deciza fis-26 ta' Marzu 2009, sahqet li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fasslet kriterju mahsub biex jaghti "tifsira armonizzata" tal-kuncett tal-*"istess reat"*. Il-Qorti qalet ukoll:
"Illi minn dan it-tifsir car din il-Qorti terga' tasal fl-istess fehma li waslet għaliha meta kienet qiegħda tqis il-kwestjoni taħt il-lenti tad-dispożizzjoni relattiva tal-Kostituzzjoni. Ma jidhrilhiex li għandha x'iżżid u għalhekk jirriżultalha li, taħt il-Konvenzjoni wkoll, l-ilment tal-imputat jirriżulta mistħoqq".

**Ikkunsidrat**
Riferenza sejra ssir ghal decizjoni moghtija mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Mejju 2012 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Christian Grech**, fejn il-Qorti cahdet, fost l-ohrajn l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem*. Il-Qorti qalet hekk:

"Id-difiża tissottometti li hemm 'overlapping' bejn qligħ li ġej mill-prostituzzjoni (li jkun parti mir-reat) u l-*money laundering*. Iżda bir-rispett kollu dan mhux legalment korrett. Fil-*Money Laundering*, wieħed ikun akkużat li kkonverta jew ittrasferixxa propjeta' li kien jaf li ġejja mir-rikavat ta' attivita' kriminali jew li ħeba jew wera ħaġa b'oħra tal-vera xorta, provenjenza, lok dispożizzjoni ta' proprjeta' li jkun jaf li ġejja direttament jew indirettament minn attivita' kriminali. U l-liġi tipprospetta tliet sitwazzjonijiet oħra ta' kif jista' jsir il-ħasil tal-flus. Mela jekk wieħed għandu traffikar ta' persuni jew qed jgħix minn fuq il-prostituzzjoni mhux ekwivalenti għal li jaqbad dak il-qligħ u jittrasferih jew jaħbih jew jagħtih lil ħadd ieħor biex iżommhulu. Is-sustanza tat-tieni reat hija għal kollox differenti mis-sustanza tal-ewwel reat. **Isegwi li m'hemm ebda *overlapping* bejn ir-reat li bih huwa akkużat l-akkużat innifsu fi proċeduri oħrajn u r-reat tal-*money laundering*. Il-fatti huma għal kollox differenti u la l-fatti huma differenti għal kollox m'hemmx każ ta' 'ne bis in idem'".**

**Ikkunsidrat**

Illi jkun opportun li dak kollu li nghad hawn fuq jigi applikat ghall-kawza odjerna. Fil-kaz odjern jirrizulta li l-Prosekuzzjoni mhijiex qed takkuza lill-imputati b'kosegwenzi diversi minn dawk li taw lok ghall-ewwel sentenza li ghaddiet in gudikat, cioé dik deciza fit-23 ta' April 2012, ghaliex jirrizulta li hawn si tratta tal-istess fatti u l-istess imputazzjonijiet ghajr ghall-hin tal-gurnata li fih allegatament gew kommessi l-imputazzjonijiet. Minn qari tan-noti tal-Profs. Mamo, jidher li huwa principju stabbilit illi jekk fatt ta lok ghall-akkuza jew akkuzi specifici, il-Prosekuzzjoni ma tistax terga' tressaq lill-istess imputat dwar l-istess fatti jekk l-azzjoni tieghu tat lok ghall-aktar akkuzi li izda ma jkunux issemmew fl-ewwel akkuza. Din hija wkoll il-prassi fis-sistema guridiku Ingliz maghrufa bhala *autrefois acquit: autrefois convict*. Kenny[15], *oltre* li jiccita sentenzi fuq l-istess binarju jispjega wkoll l-element

[15] "Outlines of Criminal Law" – 19th. Edition, *fol.* 605-606 (J743 sa J744).

ta' *"immaterial circumstances"* bhalma huma l-lok u l-hin tal-akkadut b'mod illi l-eccezzjoni ghandha tirnexxi meta l-akkuzat jissoleva l-eccezzjoni li minkejja li l-lok u l-hin huwa differenti l-fatti huma *del resto* identici.

Illi, filwaqt li persuna tista' tkun tenuta li ghamlet zewg reati differenti, meta per ezempju, ghamlet hsara volontarja lil xi hadd fil-11.00am u regghet ghamlet hsara wkoll fis-2.00pm, mhux l-istess jista' jinghad ghal kaz odjern peress li hawn si tratta tal-istess allegat incident fejn l-imputati arrestaw, zammew u ssekwestraw persuna kontra l-volonta' taghha u talli ghamlu hsara volontarja jew gharrqu hwejjeg haddiehor u kif ukoll talli, tlieta mill-erba' imputati, ghamlu reat li kellhom jissorveljaw li ma jsirx jew kellhom dmir jimpedixxu. Biex wiehed jitratta l-istess fatti izda f'hin differenti bhala reati differenti imur kontra kull logika. Wiehed ma jridx jinsa li mhux talli qed nitkellmu fuq l-istess reati talli qed nitkellmu wkoll fuq l-istess fatti.

Illi jsegwi li l-imputazzjonijiet tal-kawza deciza fit-23 t'April 2012, minn liema imputazzjonijiet l-imputati gew liberati, huma l-istess imputazzjonijiet li dwarhom l-istess imputati jinsabu akkuzati llum u li l-imputazzjonijiet kollha jirreferu ghall-istess incident. Ma jirrizultax li l-imputati kienu nvoluti f'episodju/incident iehor.

Illi, fil-kaz odjern, il-fatt materjali, fost l-ohrajn, huwa l-arrest, iz-zamma jew is-sekwestru ta' persuna kontra l-volonta taghha. Il-fatt cirkostanzjali, cioé il-hin tal-incident, kien differenti. Fl-ewwel kaz, l-imputati kienu liberati ghaliex l-akkuza kienet tghid: *"fil-25 ta' Ottubru 2009 ghall-habta ta' xi l-hdax ta' fil-ghaxija*". B'hekk il-fatti fiz-zewg kawzi huma l-istess skond id-dispost tal-Artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant, ghandhom ragun l-imputati jissolevaw l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem*.

Ghal dawn il-motivi, fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali, il-Qorti, wara li rat Artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tilqa' l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* sollevata mill-imputati u kwindi tillibera lill-imputati mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------